MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 265/2003/1

**Joseph Catania**

**vs**

**C. Stivala & Sons Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta’ Novembru, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata d-19 ta’ Mejju tas-sena 2003 li permezz taghha l-attur sejjah lis-socjeta’ konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi peress illi issa l-attur gie notifikat li b'sentenza moghtija fit-3 ta' Frar 2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza Avviz Numru 98/02 JAB fil-kawza fl-ismijiet inversi, il-kera tal-fond numru 199 Conception Street Msida mikri lilu, saret tlett Liri Maltin (Lm3) kuljum;

2. Illi peress li l-attur ma kienx debitament notifikat bl-Avviz imsemmi u ma deherx fis-smiegh tal-kawza imsemmija u s-sentenza inghatat wara kapitlu tal-konvenuti, allura atturi f'dik il-kawza;

3. Illi peress li fin-nuqqas tan-notifikat tal-Avviz is-sentenza imsemmija ghandha titwarrab a bazi tal-artikolu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, wara li tiddikjara li Joseph Catania ma kienx debitament notifikat bl-Avviz numru 98/02 JAB u ma deherx fis-smiegh tal-kawza fl-ismijiet C.Stivala & Sons Limited vs Joseph Catania deciza fit-3 ta' Frar tas-sena 2003 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, thassar is-sentenza msemmija;

5. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur li tghid is-segwenti:

1. Illi huwa gie notifikat li b'sentenza moghtija fit-3 ta' Frar tas-sena 2003 fil-kawza Avviz Numru 98/02 JAB fl-ismijiet inversi l-kera tal-fond numru 199 Conception Street, Msida gholiet ghal tlett Liri Maltin (LM3) kuljum;

2. Illi huwa ma kienx debitament notifikat bl-Avviz imsemmi u ghalhekk ma deherx fil-kawza li fiha inghatat sentenza wara kaptiolu tal-attur f'dik il-kawza ;

3. Illi ghalhekk fin-nuqqas ta' notifika tal-Avviz u fl-assenza tal-esponent fil-kawza, is-sentenza msemmija ghandha titwarrab, a bazi tal-artiklu 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata l-4 ta’ Gunju tas-sena 2003 li permezz taghha ecceppiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament b’nullita’ tac-citazzjoni billi ma hemmx talba ghar-ritratazzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost il-kawza ma gietx prezentata fit-terminu skond il-ligi;

3. Illi fil-mertu jirrizulta mid-dokument A hawn anness li l-konvenut kien debitament notifikat fil-kawza Avviz Numru 98/02 JAB u ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta’ konvenuta li tghid is-segwenti:

1. Illi l-esponent jaqbel ma’ l-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici;

2. Illi t-tieni paragrafu hu kontestat billi Joseph Catania kien gie debitament notifikat skond kif jirrizulta mill-annessa riferta Dok A;

3. Illi f’kull kaz ic-citazzjoni hija nulla billi ma hemmx talba ghar-ritratazzjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju l-attur ghandu jipprova li l-kawza giet pprezentata fit-terminu;

5. Ghalhekk din il-kawza ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur;

6. Illi l-esponent jaf dawn il-fatti personalment;

Rat finalment il-lista tax-xhieda ta’ l-istess socjeta’;

Rat id-dokumenti esebiti u tirrileva li kien ikun ferm aktar ghaqli ghar-rapprezentant legali tas-socjeta’ konvenuta li kieku minflok ipprezenta d-dokument karenti tieghu datat is-17 ta’ Ottubru tas-sena 2003 a fol 14 ghamel hekk regolarment billi pprezenta l-istess dokument fl-interezza tieghu stante li dan kien ikun verament ta’ ghajnuna ghall-din il-qorti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament rigwardanti l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta’ konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi ghar-ragunijiet premessi fic-citazzjoni odjerna it-talbiet attrici jistghu jkunu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Tiddikjara li Joseph Catania ma kienx notifikat bl-avviz numru 98/02 JAB fl-ismijiet C.Stivala & Sons Limited vs Joseph Catania;

2. Thassar is-sentenza msemmija;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta’ konvenuta opponiet is-suespost a bazi tal-fatt li l-attur naqas li jipproponi talba specifika ghar-ritrattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li r-rimedju ta’ trattazzjoni hu wiehed straordinarju dipendenti fuq it-Titolu IV tat-Tielet Ktieb tal-Kap 12;

Illi fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta ghandu jinghad li kif irreteniet il-Qorti ta’ l-Appell (Appell Civili 4/1995/1 fl-ismijiet Supermarkets (1960) Limited vs

Mario Cachia proprio et nomine datata s-7 ta' Lulju tas-sena 2003, "parzjalment" indikata mis-socjeta' konvenuta:

"*Hu ta' vitali importanza f'materja ta' ritrattazzjoni ta' kawza deciza illi wiehed izomm dejjem in mira dawn l-aspetti ta' dan l-istitut, u cioe' illi:*

1. dan hu ta' indole straordinarja – Vol. XXIX p1 p 795; Vol XLII p.1 p 227; u

2. governat minn regoli ta' "strettissima interpretatione" (Vol VI p 345) u mhux "*suscettibbli di una interpretazione estensiva ma della sola letterale*" (Vol XXI p II p 117; Vol XXVI p 1 p 622);

Ikkunsidrat:

Illi l-mizura tal-kawza odjerna hi ghalhekk determinata mill-allineamenti imposti mill-attur u mhux mill-interpretazzjoni taghhom da parte tal-konvenut;

Illi l-kawza odjerna hi ghalhekk limitata ghat-talba ta' l-attur biex din il-qorti "…*thassar is-sentenza imsemmija*";

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk ir-ritrattazzjoni indikata mis-socjeta' konvenuta ma tiffigurax u ghalhekk din il-qorti qed tiskarta din l-ipotesi;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti t-talba ghat-"thassir" ta' sentenza hi ekwivalenti ghall-appell fuq dik is-sentenza;

Illi in fatti l-artikolu 142 (2) tal-Kap 12 jistabbilixxi li r-rikors ta' l-appell:

"…*ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir … tas-sentenza appellata…*";

Ikkunsidrat:

Illi din hi proprju t-talba ta’ l-attur fic-citazzjoni odjerna;

Illi ghandu jkun ovvju li din il-qorti mhix wahda ta’ grad ta’ appell u bl-ebda mod ma wiehed jista’ jattribwilha gurisdizzjoni tali li tmur kontra l-limiti imposti mill-artikolu 47 tal-Kap 12;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta’ konvenuta stante li l-istitut in dizamina mhux dak hemm indikat, pero’ xorta tiddikjara n-nullita’ ta’ l-azzjoni stante li din il-qorti m’hix kompetenti fil-konfront tat-talba principali ta’ l-attur.”

L-attur appella minn din is-sentenza bl-ilment, illi kuntrarjament ghal dak sostenut mill-ewwel Qorti, l-azzjoni tieghu ma tammontax ghall-appell izda ghal ritrattazzjoni vera u propja koinvolgenti talba ghat-thassir ta’ sentenza f’kawza li fiha ma saretx notifika debita skond il-ligi.

Jibda biex jigi osservat illi sa certu punt l-appellant hu gustifikat f’din il-lanjanza tieghu.  Dan ghaliex fil-fehma ta’ din il-Qorti l-aspett legali tal-kaz ma giex korrettement valjat mill-ewwel Qorti.  Il-kwestjoni centrali nvoluta kienet dik sollevata bl-ewwel eccezzjoni, li l-ewwel Qorti cahdet flimkien mal-eccezzjonijiet l-ohra, u cjoe li, kif redatta, c-citazzjoni kienet nulla ghaliex ma kellha l-ebda talba ghar-ritrattazzjoni.  Ifisser allura illi l-materja kellha tigi ezaminata mill-perspettiva tad-disposizzjonijiet inerenti ghall-istitut tar-ritrattazzjoni u mhux ma’ dawk relattivi ghall-appell, li fil-verita` mal-kaz ma kienu jiccentraw xejn. Jista’ jinghad ghalhekk mill-bidunett illi l-motivazzjoni addotta fis-sentenza appellata hi ghal kollox fuorvijanti u konsegwentement din il-Qorti ma taqbel xejn mal-espressjoni ta’ opinjoni tal-ewwel Qorti kontenuta fiha dwar il-kwestjoni legali.

Dan premess, is-soluzzjoni vera tal-punt involut, sollevat bl-ewwel eccezzjoni, kellha invece tigi rigwardata fl-ambitu ta’ l-Artikoli 811, 812 u 820 tal-Kap 12.

Proprju, l-ewwel artikolu tal-istitut jibda biex jippreciza illi "kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet li jkollha nteress, tigi ritrattta, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza" (Art 811). Dan japplika ugwalment fil-kaz ta' ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija minn qorti ta' l-ewwel grad (Art 812). Jissokta jigi enfasizzat illi "meta talba ghar-ritrattazzjoni tigi milqugha bit-thassir tas-sentenza attakkata, l-kawza tigi mismumgha mill-gdid fil-meritu, fl-istess gurnata jew f'ohra li tiddestina l-qorti" (Art 820(1)).

Minn dawn id-disposizzjonijiet jitnissel illi, kif drabi ohra osservat, "il giudizio di ritrattazione ha un duplice oggetto, quello di far annullare una sentenza passata tra le parti in giudicato e l'altro di riaprire la trattazione della causa e provocare un'altra sentenza". (**Kollez Vol XXII pIII p235** u **Vol XLVI pI p90**). Dan il-gudizzju hu kompost minn zewg stadji distinti: "rescindente" u "rescissorio". Jekk ma jissemmiex l-ewwel wiehed ma tistax tghaddi ghat-tieni (**Kollez Vol XXIX pII p281**). "Il-ligi ghalhekk trid li qabel xejn tigi mhassra jew revokata in toto s-sentenza mpunjata billi minghajr dan it-thassir totali mhux possibbli li l-kawza tigi ttrattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' ssir it-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sakemm dak it-thassir ma jkunx sar, dik is-sentenza tkun ta' ostakolu ghar-riezami tal-kawza" (**Kollez Vol LXIX pII p220**; **Vol XXXIII pI p754**).

Fl-isfond ta' din l-interpretazzjoni uniformi gie ritenut illi, gjaladarba "le leggi di ritrattazzione sono di strettisima interpretazione, e non sono suscettivi di interpretazione estensiva ma della sola letterale" (**Kollez Vol XXVI pI p622**), l-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' stadju li, ghalkemm indispensabbli ma jinsabx fid-domanda. F'kazi bhal dawn gie dejjem ritenut li l-procediment hu null (**Kollez. Vol XXXIX pIII p894**; **Vol XXI pII p117**).

Issa kif koncepita l-azzjoni tal-appellanti f'dan il-kaz din tikkontjeni biss talba unika, u cioe it-thassir tas-sentenza tat-3 ta' Frar 2003 fuq il-motiv li dik is-sentenza inghatat meta hu ma kienx gie debitament notifikat bl-avviz

promotur u hu ma deherx fis-smiegh tal-kawza. Dan skond kif preskritt bhala raguni fis-subinciz (b) ta' l-Artikolu 811. Minn dan jidher car illi l-appellant illimita ruhu ghall-ewwel stadju biss tal-gudizzju in kwantu huwa naqas li jitlob ukoll is-smiegh mill-gdid tal-kawza konfluwit fl-istadju "rescissorio". Stadju dan li "ope legis" hu kien fl-obbligu li jitlob bhala domanda "ad hoc".

L-appellanti jista' jobbjetta illi hu segwa l-Artikolu 816 tal-Kap 12 li jippreciza x'ghandu jkun fiha c-citazzjoni, u cjoe it-tismiegh tal-kap tas-sentenza li qed jattakka u r-raguni ghar-ritrattazzjoni, oltre l-indikazzjoni tal-fatti fil-qosor. Dan huwa veru. Izda, imbaghad, daqstant iehor hu veru li d-disposizzjonijiet l-ohra tal-istitut, li ghandhom jinqraw unitament ma' dan l-artikolu 816, jahsbu u jipprovdu x'ghandu jkun l-obbjett tad-domandi li hu ntiz li jintlahaq bic-citazzjoni. Jigifieri, t-thassir tas-sentenza bejn il-partijiet li tkun saret gudikat u t-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza u l-otteniment ta' sentenza gdida u separata. Hekk kjarament jezigu l-Artikoli 811 u 820 tal-Kap 12.

Is-suesposta interpretazzjoni tal-istitut, pacifika fil-gurisprudenza taghna, mhiex frott ta' rigorizmu ezagerat jew ta' formalizmu zejjed izda pjuttost tal-gharfien illi l-istitut jinkorpora fih rimedju straordinarju u ghalhekk regolat minn interpretazzjoni strettissima (**Kollez. Vol XLII pI p227**). Dana ghaliex dan l-istess rimedju jidderoga principju legali baziku li s-sentenza finali ossija l-gudikat ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet. Dan gie hekk rikonoxxut anke mill-Qorti Kostituzzjonali taghna li, filwaqt li ppremettiet li l-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenzi finali, ddenotat ukoll illi l-istitut jimponi certi kondizzjonijiet ghall-ezercizzju ta' l-istess rimedju li wiehed hu mistenni li josservahom skrupolozament. F'dan hemm kompriz l-esigenzi procedurali dettati minn normi precizi tal-istitut. Ara sentenza fl-ismijiet "**Leonard Muscat et -vs- Onor. Prim Ministru et**", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Lulju 2000.

Anke jekk issa ghal ragunijiet kompletament differenti minn dawk tal-ewwel Qorti, l-appell interpost ma jistghax jigi sostenut.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell intavolat u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata tan-nullita` tal-azzjoni, anke jekk issa ghal konsiderazzjonijiet ghal kollox distinti minn dawk tal-ewwel Qorti. L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------